

Brussell, 15 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14830/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0380(NLE)**

---

UD 247

## PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 644 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2278 li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemija fl-Artikolu 56(2), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 644 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 644 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.11.2022  
COM(2022) 644 final

2022/0380 (NLE)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2278 li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemija fl-Artikolu 56(2), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Sabiex jiġu żgurati l-fornimenti suffiċjenti u mingħajr interruzzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali li mhumiex prodotti biżżejjed jew li ma jiġux prodotti fl-Unjoni u sabiex jiġi evitat kwalunkwe disturb fis-suq għal dawn il-prodotti, uħud mid-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni ġew sospiżi parzjalment jew totalment bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2278 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament")<sup>1</sup>.

Ir-Regolament jiġi aġġornat kull sitt xhur biex jakkomoda l-ħtiġijiet tal-industrija tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni, meġġuna mill-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja, irrieżaminat it-talbiet kollha tal-Istati Membri għas-sospensjonijiet tariffarji awtonomi.

Wara dan ir-rieżami, il-Kummissjoni tqis li s-sospensjoni tad-dazji hija ġġustifikata għal xi prodotti ġodda li bħalissa mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament. Fir-rigward ta' xi prodotti oħra, hemm bżonn ta' modifikazzjoni tal-kundizzjonijiet mil-lat tad-deskrizzjoni tal-prodott, tal-klassifikazzjoni, tad-data prevista għar-rieżami obligatorju u tal-unità supplimentari. Meta s-sospensjoni tariffarja ta' ċerti prodotti ma tibqax fl-interess ekonomiku tal-Unjoni, dawn iridu jiġu rtirati.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta ma taffettwax lill-pajjiżi li għandhom ftehim kummerċjali preferenzjali mal-Unjoni, u lanqas lill-pajjiżi kandidati jew lill-kandidati potenzjali għal ftehimiet preferenzjali mal-Unjoni (eż. is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi; ir-reġim kummerċjali tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku; il-Ftehimiet ta' Kummerċ Fieles).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta tikkonforma mal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-agrikoltura, tal-kummerċ, tal-intrapriżi, tal-ambjent, tal-iżvilupp u tar-relazzjonijiet esterni.

Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jinsabu f'din il-proposta għandhom l-għan li jiżguraw li s-sospensjoni temporanja tat-tariffa doganali komuni tal-Unjoni titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 21 tat-TUE, u li oqsma differenti tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif ukoll l-azzjoni esterna tagħha u politiki oħrajn tal-Unjoni, ikunu konsistenti ma' xulxin. Għalhekk jixraq li għadd ta' prodotti li joriġinaw mir-Russja u mill-Belarussja jiġu esklużi mit-tnaqqis fit-tariffi, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-miżuri restrittivi meħuda mill-Unjoni kontra dawn il-pajjiżi wara l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Madankollu, sabiex tiġi żgurata provvista xierqa u biex jiġu evitati disturbi serji f'xi swieq tal-UE, jeħtieġ li tinżamm is-sospensjoni tad-dazji tat-TDK għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-Belarussja u mir-Russja.

---

<sup>1</sup> ĠU L 466, 29.12.2021, p.1

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-miżuri previsti jikkonformaw mal-prinċipji għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-operaturi involuti fil-kummerċ barrani, kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi<sup>2</sup>. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi mixtieqa f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 31 tat-TFUE, "Id-dazji tat-Tariffi Doganali Komuni għandhom ikunu stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni". Għalhekk, l-istrument xieraq huwa Regolament tal-Kunsill.

## 3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-iskema ta' sospensjonijiet awtonomi kienet soġġetta għal studju ta' evalwazzjoni li twettaq fl-2013. L-evalwazzjoni kkonkludiet li r-raġuni fundamentali għall-iskema għadha valida. L-iffrankar tal-kostijiet għan-negozji tal-UE li jimportaw oġġetti skont l-iskema jista' jkun sinifikanti. Barra minn hekk, skont il-prodott, il-kumpanija u s-settur, dan l-iffrankar jista' jwassal għal benefiċċji usa', bħall-intensifikazzjoni tal-kompetittività, it-titjib fl-effiċjenza tal-metodi ta' produzzjoni u l-ħolqien jew iż-żamma tal-impjiegi fl-Unjoni. Id-dettalji tal-iffrankar li jirriżulta minn dan ir-Regolament jinsabu fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja (ETQG), li jikkonsisti minn rappreżentanti mill-Istati Membri kollha u mit-Turkija, għen lill-Kummissjoni fit-tnejn ta' din il-proposta.

---

<sup>2</sup> ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6.

L-ETQG eżamina kull każ bir-reqqa biex jiġi żgurat li dan ma jikkawża l-ebda ħsara lill-intrapriżi tal-Unjoni u li l-kompetittività tal-produzzjoni tal-Unjoni tiġi msaħħa u konsolidata. Il-membri tal-ETQG wettqu l-valutazzjoni permezz ta' diskussjonijiet, filwaqt li min-naħa tagħhom, l-Istati Membri kkonsultaw l-industriji, l-assoċjazzjonijiet u l-kmamar tal-kummerċ ikkonċernati kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra involuti.

Is-sospensjonijiet kollha mniżżlin jikkorrispondu ma' ftehimiet jew compromessi milħuqa fid-diskussjonijiet tal-ETQG. Ma ssemma l-ebda riskju potenzjalment serju b'konsegwenzi irreversibbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-emenda proposta hija ta' natura purament teknika u tikkonċerna biss il-kopertura tas-sospensjonijiet elenkati bħalissa fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2278. Ma twettqitx valutazzjoni tal-impatt minħabba li l-bidlijiet proposti fil-lista tal-prodotti li jibbenefikaw mis-sospensjoni tariffarja awtonoma tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni mhumiex mistennija li jkollhom impatti sinifikanti.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza fuq id-drittijiet fundamentali.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa, iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul. Id-dazji doganali mhux miġbura li jikkorrispondu għas-sospensjoni se jammontaw għal madwar EUR 70 747 802 fis-sena. L-effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-baġit huwa ta' EUR 53 060 852 fis-sena (jiġifieri 75 % tat-total). Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta f'aktar dettall.

It-telf tad-dħul f'riżorsi proprji tradizzjonali għandu jiġi kkompensat bl-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-Istati Membri abbażi tal-kontribuzzjonijiet għar-riżorsi.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-miżuri proposti huma ġestiti fil-qafas tat-Tariffa Integrata tal-Komunità Ewropea (TARIC) u huma applikati mill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2278 li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemija fl-Artikolu 56(2), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata provvista suffiċjenti u mingħajr interruzzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali li mhumiex prodotti fl-Unjoni u b'hekk jiġi evitat kwalunkwe disturb fis-suq għal dawk il-prodotti, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni tat-tip imsemmi fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> ("dazji tat-TDK") fuq dawk il-prodotti ġew sospiżi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2278<sup>2</sup>. B'riżultat ta' dan, il-prodotti elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/2278 jistgħu jiġu importati fl-Unjoni b'rati tad-dazju mnaqqsa jew dazju zero.
- (2) Il-produzzjoni tal-Unjoni ta' ċerti prodotti li mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/2278 mhijiex adegwata biex tissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi tal-industriji utenti fl-Unjoni. Billi huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura provvista adegwata ta' ċerti prodotti u filwaqt li jitqies il-fatt li dawk il-prodotti identiċi, ekwivalenti jew ta' sostituzzjoni ma jiġux prodotti fi kwantitajiet suffiċjenti fl-Unjoni, jeħtieġ li tingħata sospensjoni sħiħa tad-dazji tat-TDK fuq dawk il-prodotti.
- (3) Bil-ħsieb li tiġi promossa l-produzzjoni integrata tal-batteriji fl-Unjoni, jenħtieġ li tingħata sospensjoni parzjali tad-dazji tat-TDK fir-rigward ta' ċerti prodotti relatati mal-produzzjoni tal-batteriji li bħalissa mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/2278 u l-produzzjoni rispettiva tal-Unjoni mhijiex adegwata biex tissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi tal-industriji tal-utenti fl-Unjoni. Jenħtieġ li jkun hemm rieżami

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2278 tal-20 ta' Diċembru 2021 li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemija fl-Artikolu 56(2), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1387/2013 (ĠU L 466, 29.12.2021, p. 1).

bikri ta' dawk is-sospensjonijiet, previsti fil-31 ta' Diċembru 2023, sabiex titqies l-  
evalwazzjoni fuq perjodu qasir tas-settur tal-produzzjoni tal-batteriji fl-Unjoni.

- (4) Jeħtieġ li jiġu emendati d-deskrizzjoni tal-prodott u l-klassifikazzjoni ta' ċertu  
sospensjonijiet tad-dazji tat-TDK elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/2278  
sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi tal-prodott u tax-xejriet ekonomiċi fis-suq.
- (5) Ma għadux fl-interess tal-Unjoni li tinżamm is-sospensjoni tad-dazji tat-TDK għal  
ċerti prodotti elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/2278. Sabiex jiġi evitat il-  
piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, ma jistgħux jitqiesu  
s-sospensjonijiet tat-tariffi meta l-ammont ta' dazju doganali mhux miġbur ikun stmat  
inqas minn EUR 15 000 fis-sena. Jenħtieġ li s-sospensjonijiet għall-prodotti li ma  
jilħqux dak il-livell limitu, kif indikat mir-rieżami obbligatorju, jitneħħew mill-Anness  
tar-Regolament (UE) Nru 2021/2278.
- (6) Fl-istess ħin, ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Russja marru għall-aġġar f'dawn l-  
aħħar snin, partikolarment minħabba n-nuqqas ta' rispett tar-Russja għad-dritt  
internazzjonali u l-invażjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tagħha kontra l-  
Ukrajna. Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta t-tmien pakkett ta' sanzjonijiet<sup>3</sup>  
kontra r-Russja minħabba l-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tagħha kontra l-Ukrajna u  
l-atroċitajiet irrapportati li twettqu mill-forzi armati Russi fl-Ukrajna.
- (7) Filwaqt li r-Russja hija membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-Unjoni  
tista' sserraħ fuq l-eċċezzjonijiet li japplikaw skont il-Ftehim li Jistabbilixxi l-  
Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u b'mod partikolari l-Artikolu XXI tal-Ftehim  
Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, b'mod partikolari fir-rigward tal-  
obbligu li l-prodotti importati mir-Russja jingħataw il-vantaġġi mogħtija lil prodotti  
simili minn pajjiżi oħra (it-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit).
- (8) Fid-dawl tad-deterjorament tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Russja, sabiex tiġi  
żgurata l-koerenza mal-azzjonijiet u l-prinċipji tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna  
tal-Unjoni, ma jixraqx għalhekk li l-prodotti li joriġinaw mir-Russja jitħallew igawdu  
minn trattament mingħajr dazju u trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward  
tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, jeħtieġ li titneħħa s-  
sospensjoni fuq id-dazji tat-TDK għal dawk il-prodotti.
- (9) Is-sitwazzjoni bejn l-Unjoni u l-Belarussja marret għall-aġġar f'dawn l-aħħar snin,  
minħabba n-nuqqas ta' rispett tar-reġim tal-Belarussja għad-dritt internazzjonali, id-  
drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, il-Belarussja  
appoġġat b'mod estensiv l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna mill-bidu nett  
tagħha.
- (10) Minn Ottubru 2020, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi kontra l-  
Belarussja minħabba abbużi kontinwi tad-drittijiet tal-bniedem, l-istrumentalizzazzjoni  
tal-migranti u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni militari Russa kontra l-  
Ukrajna. Peress li l-Belarussja mhijiex membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1903 (ĠU 259 I, p.1)  
Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1904 (ĠU 259 I, p.3)  
Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1905 (ĠU 259 I, p. 76)  
Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1906 (ĠU 259 I, p. 79)

Kummerċ, bis-saħħa tal-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-Unjoni mhijiex obligata tagħti t-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit lill-prodotti mill-Belarussja. Barra minn hekk, il-ftehimiet kummerċjali jippermetti li jittieħdu ċerti azzjonijiet li huma ġġustifikati abbażi tal-klawżoli ta' eċċezzjoni applikabbli, b'mod partikolari eċċezzjonijiet ta' sigurtà.

- (11) Fid-dawl tad-deterjorament tar-relazzjonijiet bejn il-Belarussja u l-Unjoni, sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-azzjonijiet u l-prinċipji tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ma jixraqx għalhekk li l-prodotti li joriġinaw mil-Belarussja jitħallew igawdu minn trattament mingħajr dazju u trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament.
- (12) Madankollu, sabiex tiġi żgurata provvista xierqa u jiġu evitati disturbi serji f'xi swieq tal-UE, jeħtieġ li s-sospensjoni tad-dazji tat-TDK tinżamm għal ċerti prodotti li joriġinaw fil-Belarussja, li jaqgħu taħt il-kodiċi TARIC 2926 90 70 24, u għal ċerti prodotti li joriġinaw fir-Russja, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet TARIC 7608 20 89 30 u 8401 30 00 20. Għal dawn tal-aħħar, skont it-Trattat Euratom, jeżisti obbligu li l-utenti kollha fl-Unjoni jirċievu provvista regolari u ekwa ta' fjuwil nukleari. Dawk il-prodotti minn dawk iż-żewġ pajjiżi rrappreżentaw aktar minn 50 % tal-valur totali tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mis-sena 2019 sal-2021, bl-ebda fornitur alternattiv jew b'għadd limitat minn pajjiżi terzi oħra. Il-valur ta' dawk l-importazzjonijiet jindika li l-operaturi tal-industrija tal-Unjoni jiddependu ħafna fuq dawk l-importazzjonijiet u li t-tneħħija tas-sospensjoni fuq id-dazji tat-TDK tikkawża tbatija sproporzjonata għal dawk l-operaturi.
- (13) Għalhekk, fid-dawl tal-kuntest ta' hawn fuq, it-tneħħija tas-sospensjoni fuq id-dazji tat-TDK għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-Belarussja u mir-Russja hija xierqa u permessa, bl-applikazzjoni tar-Regoli Ġenerali dwar id-dazji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87<sup>4</sup>, u b'mod partikolari l-Ewwel Parti, it-Taqsima I, il-Parti B, il-punt 1, tiegħu.
- (14) Peress li l-għoti tas-sospensjonijiet tariffarji awtonomi huwa eċċezzjoni tal-applikazzjoni tad-dazji tat-tariffa doganali komuni, l-introduzzjoni mill-ġdid ta' dawn id-dazji tat-tariffa doganali komuni għall-importazzjonijiet li joriġinaw fil-Belarussja u fir-Russja tfisser ritorn għan-normalità (ara l-punti 2.1.2 u 2.2.1 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi). Għalhekk, it-tneħħija limitata tas-sospensjoni fuq id-dazji tat-TDK għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-Belarussja u mir-Russja mhijiex miżura restrittiva jew projbittiva, iżda l-għan tagħha huwa li tipprevjeni lil dawk il-pajjiżi milli jibbenefikaw indirettament minn miżura unilaterali tal-Unjoni u tiżgura l-koerenza ġenerali tal-azzjonijiet tal-Unjoni.
- (15) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/2278 jiġi emendat skont dan.
- (16) Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-applikazzjoni tal-iskema tas-sospensjonijiet tariffarji awtonomi u biex ikun hemm konformità mal-linji gwida stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi, il-bidliet previsti f'dan ir-Regolament rigward is-sospensjonijiet

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

tariffarji għall-prodotti kkonċernati jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2023.  
Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2021/2278 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Is-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni stabbiliti fil-paragrafu 1 ma japplikawx għal li ġej:

- (a) kwalunkwe taħlita, preparat jew prodott magħmul minn komponenti differenti li fihom il-prodotti kif elenkat fl-Anness;
- (b) prodotti li joriġinaw fil-Belarus, bl-eċċezzjoni ta' [prodotti li jaqgħu taħt] il-kodiċi TARIC 2926 90 70 24;
- (c) prodotti li joriġinaw fir-Russja, bl-eċċezzjoni ta' [prodotti li jaqgħu taħt] il-kodiċi TARIC 7608 20 89 30 u 8401 30 00 20.”

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal emenda tar-Regolament (UE) 2021/2278 li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemmija fl-Artikolu 56(2), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali

### 2. LINJI BAĠITARJI:

Kapitolu u Artikolu: Kapitolu 12, Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena 2023: 21 590 300 000

### 3. IMPATT FINANZJARJU

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul - l-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR għal pożizzjoni deċimali waħda)

Linja baġitarja	Dħul	Perjodu ta' 12-il xahar, li jibda minn jj/xx/ssss	[Sena: 2023]
Artikolu 120	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	01/01/2023	-53

Sitwazzjoni wara l-azzjoni	
[2023 – 2027]	
Artikolu 120	- EUR 53 miljun fis-sena

L-Anness fih 96 prodott ġdid. Id-dazji mhux miġbura li jikkorrispondu għal dawn is-sospensjonijiet, ikkalkulati abbażi tat-tbassir tal-Istat Membru rikjedenti għall-perjodu bejn l-2023 u l-2027, jammontaw għal EUR 52 238 757 fis-sena.

Madankollu, abbażi tal-istatistika eżistenti għas-snin ta' qabel, jidher li dan l-ammont jeħtieġ li jizjed b'fattur medju, li huwa stmat għal 1,8 sabiex jitqiesu l-importazzjonijiet fi Stati Membri oħra li jużaw l-istess sospensjonijiet. Dan ifisser dazji mhux miġbura ta' madwar EUR 94 029 763 fis-sena.

L-irtirar ta' 124 prodott minn dan l-Anness jirrifletti l-introduzzjoni mill-ġdid tad-dazji doganali. Dan jirrappreżenta żieda ta' EUR 23 281 961 kull sena fil-ġbir tad-dazji, kif stmat abbażi tal-istatistika tal-2021.

Abbażi ta' dan t'hawn fuq, l-impatt fuq it-telf tad-dħul għall-baġit tal-UE li jirriżulta minn dan ir-Regolament huwa stmat li se jkun  $94\ 029\ 763 - 23\ 281\ 961 = \text{EUR } 70\ 747\ 802$  (ammont gross, inklużi l-kostijiet tal-ġbir)  $\times 0,75 = \text{EUR } 53\ 060\ 852$  kull sena.

#### **4. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

Se jitwettqu kontrolli fuq l-użu aħħari ta' wħud mill-prodotti koperti b'dan ir-Regolament tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jwettqu kwalunkwe kontroll doganali li jqisu xieraq bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju li jwettqu, kif previst mill-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.